MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

## Laqgħa Numru 64

## 12 ta` Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u ghoxrin ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

### 64.1 Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta` apologija. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sur Trevor Mizzi kien ser jasal ftit tard ghal laqgha.

### 64.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 62(07) u 63(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

**Punti mqajma mill-Minuti**

64.2.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li waqt diskussjoni li kellu mas-Segretarja tal-Onorevoli Glen Bedingfield, is-Sur Boxall nfurmaha b`dak li gie deciz mill-Kunsill.

64.2.2 Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-programm Bieb u Ghatba sar il-Hadd 11 ta` Novembru 2018 minflok l-Hadd 14 ta` Ottubru minhabba l-maltemp.

64.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill diga` gab 12 –il monitor u talab sabiex jinghatwlu aktar. Is-Sur Boxall zied jghid li dawn ser jintuzaw ghall-korsijiet li minn zmien ghal zmien issiru u jara jekk fil-lokalita ghadx hawn tfal li ghad m`ghandhomx kompjuter id-dar.

64.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li bhala kontribuzzjoni ghal matul l-attivita tal-Pink October, il-Kunsill tah il-permessi kollha mehtiega biex jinxtghel id-dawl ta` Triq il-Mina l-Kbira u tindif ta` wara l-attivita.

64.2.5 Is-Sindku ghamel referenza ghall-permessi tal-mwejjed u siggijiet tal-hwienet li hawn fil-Birgu, fejn talab sabiex tintbghat ittra lill-hwienet kollha sabiex igibu l-permessi lill-istess Kunsill. *(Minuti 62(07) 62.3.48)*

**64.3 Korrispondenza**

64.3.1 Mibughta korrispondenza dwar il-bus shelters li jinhtiegu fil-lokalita tal-Birgu, fosthom fi Triq San Dwardu, Triq Joseph Mary Genuis u fil-Pjazza tal-Belt Vittoriosa.

64.3.2 Prezentata korrispondenza dwar suggeriment li nghata sabiex issir tabella tal-speed limit fi Triq Pawlu Boffa qabel taqbad il-bridge.

64.3.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar ittra li l-Kunsill bghat lis-Sur Ray Abela dwar l-interess tal-Kunsill biex fil-lokalita jinfetah centru ta` taghlim tal-kompjuters.

64.3.4 Prezentata kwotazzjoni sabiex isiru diaries tal-Kunsill Lokali tal-Birgu ghas-sena 2019. Il-kwotazzjoni ta` 70 diary hija ta` €260.10 excl VAT. Il-kwotazzjoni giet approvata minn dawk prezenti.

64.3.5 Prezentata korrispondenza li giet mibughta lill-Perita Mireille Fsadni dwar toroq perikoluzi fil-Birgu fosthom il-parti ta` isfel u fit-tarf tal-bankina n-naha t`isfel fi Triq Wenzu Dyer, Triq il-Vittmi tal-Polvrista.

64.3.6 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill bghat lill-Onorevoli Evarist Bartolo biex isir laqgha mieghu flimkien mal-Kap tal-Iskola Primarja u l-Principal tal-Kullegg sabiex jigu diskussi l-problemi u diffikultajiet kbar li qeghdin ixekklu lill-edukaturi f`din l-iskola.

64.3.7 Prezentat il-permess minn naha tal-ERA sabiex il-Kunsill ikun jista` jnehhi s-sigra tal-harrub li hemm fuq is-Sur li jaghtu ghall-bandli li jinsabu fi Triq San Dwardu.

64.3.8 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-kumpanija Melfar sabiex issir manutenzjoni tal-stair lift ghal prezz ta` 42 Euros. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

64.3.9 Moqrija Cirkulari SPI12/2018 Skema Finanzjarja favur il-Komunita – Hajja ahjar b`Ezercizzju Fiziku u Sports. Gie deciz li ser jiehu hsieb din l-iskema l-Vici Sindku, s-Sur Trevor Mizzi.

64.3.10 Prezentata korrispondenza dwar road race li ser ssir nhar il-Hadd 13 ta` Jannar 2018. Il-Kunsill ma sab l-ebda ogezzjoni biex din isir.

64.3.11 Moqrija korrispondenza li l-Kunsill bghat lis-Sur Stephen West, Chairman dwar il-possibilita li fil-Berga ta` Tabib jigu offruti servizzi ohra lir-residenti tal-lokal fosthom bhal testijiet taz-zokkor, testijiet tad-demm, servizz ta` *podiatry*, servizz rigward *mental ilness.*

64.3.12 Mibughta korrispondenza lill-Onorevoli Ministru, Joe Mizzi dwar id-dewmien biex jitkompla xoghol fuq il-progett tal-cables tad-dawl minn taht l-art fil-Birgu.

64.3.13 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand il-Kumitat Eko Skola sabiex il-Kunsill jaghti l-ghajnuna tieghu billi jhallas il-mizata, dik ta` 15 –il euro. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

64.3.14 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva mill-AKL dwar attivita "Team Up to Clean Up" li ser titella fil-Foss ta` Haz-Zabbar fl-1 ta` Dicembru 2018.

64.3.15 Moqrija korrispondenza mibughta mis-Segretarjat Parlamentari tal-Kunsilli Lokali, l-Onorevoli Silvio Parnis dwar laqghat li ser ssiru lill-pubbliku fuq ir-riforma tal-Gvern Lokali.

64.3.16 Prezentata l-kwotazzjoni ta` 500 lapel badges li tammonta ghal 800Ewro. Il-Kunsill approva li jordna 250 lapel badge.

64.3.17 Prezentata l-korrispondenza dwar Skema tal-Libreriji Regjonali, fejn il-Kunsill ibennifika s-somma ta` sitt mitt ewro. Is-Sur John Boxall qal li l-Kunsill ser jaghmel apertura wahda tal-injam li tammonta ghal 1,947Euro, hekk l-Kunsill ihallas il-kumplament li jammonta ghas-somma ta` ,347Euro. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

64.3.18 Prezentata korrispondenza dwar l-ahhar laqgha tal-progett Solida li ser ssir gewwa Gioiosa Ionica bejn it-3 u l-5 ta` Dicembru 2018. Ghal din il-konferenza gie deciz li jmorru s-Sur John Boxall, s-Sur Trevor Mizzi flimkien ma` persuna ohra li ghad trid tigi deciza.

64.3.19 Mibughta ittra lis-Supretendent tal-Pulizija dwar il-caravans u l-jottijiet li qeghdin fiz-zona ta` fejn kien hemm l-oil tanking minghajr il-permess tal-Kunsill.

64.3.20 Moqrija korrispondenza li l-Kunsill ircieva rigward konferenza li ser ssir fit-23 ta` Novembru dwar programmi tal-Unjoni Ewropeja. Ghal din il-konferenza ser tattendi s-Segretarju Ezekuttiv.

64.3.21 Mibughta korrispondenza mill-Asoccjazzjoni ALDA dwar progett fuq il-kultura, storja u tradizzjonijiet. Il-Kunsill idecieda sabiex juri interess biex ikun partner f`dan il-progett.

64.3.22 Prezentat l-kuntratt li gie ffirmat bejn l-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Wasteserv Malta Ltd.

64.3.23 Prezentata korrispondenza li l-Kunsill ircieva minghand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar procedure u regolamenti tal-gbir tas-skart f`kaz li jkunu jixtiequ jsiru xi emendi minn naha tal-Kunsill Lokali.

64.3.24 Prezentata korrispondenza dwar l-Skema Edukattiva u Taghlim, fejn s-Sindku nforma lil dawk prezenti li talba tal-Kunsill sabiex il-fondi ta` Robotica jigu trasferiti ghal kors tal-ECDL ma gietx accettata.

64.3.25 Prezentata rcevuta ta` tyre ta` Sinjura li prezentat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu ta` hsara li garbet minhabba hofra fi Triq Nestu Laviera kantuniera ma` Triq San Lawrenz. Il-Kunsill approva li jhallas ta` din il-hsara.

64.3.26 Gie prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Ottubru 2018. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

64.3.27 Giet prezentata petty cash ghax-xahar ta` Ottubru 2018.Il-Kunsill approva b`mod unanimu l-iskeda tal-petty cash.

64.3.28 Giet prezentat id-disinn tal-light fittings sabiex jintuzaw meta jsir il-bandli l-gdid. Dan gie approvat minn dawk prezenti.

**64.4 Attivitajiet ghal Matul il-Granet tal-Milied**

64.4.1 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsillier, is-Sur Lawrence Attard jiehu hsieb jorganizza harga ghall-anzjani ghal matul iz-zminijiet tal-Milied.

**64.5 Il-Party tal-Milied ghat-Tfal**

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ngabru l-kwotazzjonijiet tal-ikel u tal-entertainment. Il-Kunsill approva li jmur ghall-irhas offerti.

**64.6 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart minn Jannar sa ` Settembru**

L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Laurence Manicaro spjega li bejn il-perjodu ta` Jannar u Settembru 2018 il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghamel surplus ta` madwar €32,000. Is-Sur Manicaro zied jghid li financial indicator huwa ta` 11%, fejn dan ifisser li huwa 1% aktar mill-medja. Is-Sur Manicaro qal li l-Kunsill m`ghandhux kredituri antiki, ghandu biss kredituri rikorrenti.

**64.7 Ingagg ta` skrivan/a mall-Kunsill Lokali Birgu**

64.7.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li wara li harget is-sejha taht Part III u fuq il-website tal-Jobsplus, ghall-intervista ta` skrivan/a mall-Kunsill Lokali tal-Birgu attendew erbgha applikanti. Il-Kunsill fuq rakkomandazzjoni tal-bord tal-intervista li kien maghmul mis-Sindku, mill-Kunsillier is-Sur Anton Gellel u mis-Segretarju Ezekuttiv gie deciz unanimament li jintghazlu s-Sinjorina Maria Farrugia u s-Sinjura Lucienne Attard.

**64.8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

64.8.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li litter bins u dog bins kienu gew ordnati.

64.8.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghas-smigh tal-appell kontra Socjeta Muzikali Banda San Lawrenz attenda l-avukat tal-Kunsill li qed jiehu hsieb din il-kawza.

64.8.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li hemm bzonn li tinqala` sigra li hemm fi Triq San Dwardu ghax qed taghmel hsara kbira lill-hajt. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**64.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm.

**64.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta` Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 4454 sa` BOV 4492, BOV Bank Transfer u cekkijiet bin-numri, HSBC 9749 sa` HSBC 9753. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 23 ta` Ottubru 2018 sat-12 ta` Novembru 2018.

**64.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja neqsin ghaxra ta` filghaxija (7.50pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tnejn 17 ta`Dicembru 2018 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum Tnejn 17 ta` Dicembru 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |